# Komunità li tisma' l-Kelma, tiċċelebra l-Ewkaristija u tagħti Xhieda

minn

**John Anthony Berry**

**Asst. Lecturer fl-Università ta' Malta**

Ir-Raba' minn sensiela ta' laqgħat ta' tagħlim dwar il-*motto* li ntgħażel mill-Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni, Hamrun għas-sena 2012: "Aħna Ġebel Ħaj"

Tnejn 7 ta' Mejju 2012, 7.00pm

## INTRODUZZJONI

- Identità – Niskopru, napprezzaw u ngħaddu l-identità nisranija tagħna
- Tiġdid – Inżommu dak li hu tajjeb u narmu dak li hu ħażin
- Qdusija – "L-inizjattivi pastorali kollha għandhom jimmiraw lejn il-qdusija" (NMI 30)

## 1. KOMUNITÀ LI TISMA' L-KELMA T'ALLA

### (i) Attitudni li nisimgħu

Alla u l-poplu tiegħu; Kristu u l-Knisja, l-Għarus u l-għarusa; Dielja u friegħi

"Il-fidi mela tiġi mis-smiegħ, u s-smiegħ mix-xandir tal-Kelma ta' Kristu!" – (Rum 10, 17)

Alla kontinwament jitkellem u jsejjaħ, u aħna mistiedna kontinwament nisimgħu u nwieġbu

### (ii) Attitudni li nilqgħu

Nafu lil min qegħdin nilqgħu? "Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla" (Ġw 1)

San Ġlormu (347–420): "min ma jafx il-Bibbja, ma jafx lil Kristu"

L-Esperjenza ta' Pawlu: "Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih (Fil 3, 8-9)

Blaise Pascal (1623–1662): "Min jagħraf lil Ġesù Kristu, jagħraf ir-raġuni ta' kollox"

Konċilju Vatikan II: “Kristu hu ċ-ċavetta biex nifhmu ‘l bniedem”

Ġwanni Pawlu II (1920–2005): “Ikkontemplaw il-Wiċċ ta’ Kristu”;

“Iftħu qlubkom beraħ”

Benedittu XVI (1927–): “Iltaqgħu ma' Kristu”

**(iii) Attitudni li niġġeddu**

Li nitgħallmu nagħtu mportanza lis-smiegħ imġedded tal-Kelma t’Alla (NMI 39)

Li nisimgħu bid-devozzjoni l-qari tal-Bibbja u nistudjawha b’attenzjoni

Li nagħtu ħajja ġdida lill-ħidma tal-evanġelizzazzjoni u tal-katekeżi

Li niżguraw li kull familja jkollha kopja tal-Bibbja u tkun midħla tagħha

**(iv) Attitudni li *nkun ma’* Ġesù**

Nisma’, nara, nagħraf u nħobb lil Ġesù

## 2. Komunità li tiċċelebra l-Ewkaristija

**(i) L-Ewkaristija ġġeddidna billi nwarrbu minna l-mentalità antika**

Jew niċċelebraw bil-*ħmira ta’ Ġesù,* jew bil-*ħmira tal-Fariżej u ta' Erodi* (Mk 8, 14-21)

Jekk irridu niġġeddu bħala komunità, flimkien mal-attitudnijiet li semmejna, irridu nwarrbu minna l-mentalità antika.

Silta (Mk 8, 14-21) : "Iftħu għajnejkom, oqogħdu attenti mill-ħmira tal-Fariżej u mill-ħmira ta' Erodi! ... Meta qassamt is-seba' ħobżiet bejn l-erbat elef ruħ, kemm-il qoffa ġbartu bil-bċejjeċ li kien fadal?" Qalulu: "Sebgħa.“ "U għadkom ma fhimtux?" qalilhom.

*(a) Mentalità ta’ grupp magħluq*

Silta: “Għax min m'huwiex kontra tagħna, huwa magħna” (Mk 9, 40)

**L-Ewkaristija twassal sabiex il-komunità tkun miftuħa**

Igħallimna Ġesù: Nagħrfu li kollox minnu ġej; hu f’kontroll.

*(b) Mentalità ta' grupp li kien iħossu superjuri għall-oħrajn*

Silta: Is-Samaritani ma jilqgħux lil Ġesù: "Mulej, tridx ngħidu lin-nar jinżel mis-sema u jeqridhom?" (Lq 9, 54)

**L-Ewkaristija tgħinna nwarrbu minna mentalità ta' poplu magħżul**

Igħallimna Ġesù: "Ma tafux liema spirtu qiegħed iħeġġiġkom" (Lq 9, 55)

*(c) Mentalità ta' kompetizzjoni u ta' prestiġju*

Silta: Dwar min hu l-akbar fis-Saltna tas-Smewwiet (Mk 9, 34)

**L-Ewkaristija tgħinna nkunu umli**

Igħallimna Ġesù: "Tal-ewwel ikun l-aħħar". "Ma ġejtx biex inkun moqdi imma biex naqdi".

*(d) Mentalità ta' min kien iwarrab iż-żgħar*

Silta: Id-dixxipli jeħilsu mit-tfal, Ġesù jberikom (Mk 10, 13-16)

**L-Ewkaristija tgħinna nersqu lejn xulxin**

Igħallimna Ġesù: "Ħallu lit-tfal jiġu għandi", "Min is-Saltna ta' Alla ma jilqagħhiex b'qalb ta' tifel ċkejken ma jidħolx fiha" (Lq 18, 17)

*(e) Mentalità ta' min jimxi mal-opinjoni ta' min jikkmanda*

Silta: Ġesù jfejjaq raġel agħma minn twelidu: "Min dineb, hu jew il-ġenituri tiegħu, biex twieled għama?" (Ġw 9, 1-12)

**L-Ewkaristija tagħtina s-saħħa sabiex inbiddlu ħajjitna u ukoll il-viżjoni tagħna.**

Igħallimna Ġesù: Jgħallimna nħarsu lejn l-affarijiet b'mod differenti.

**(ii) L-Ewkaristija ta' nhar ta' Ħadd:**

L-Ewkaristija ta' nhar ta' Ħadd li kull ġimgħa tiġbor lill-Insara flimkien bħala l-familja t'Alla madwar il-mejda tal-Kelma u l-Ħobż tal-Ħajja hija wkoll ir-rimedju l-aktar naturali kontra l-firdiet ta' bejniethom. Huwa l-post privileġġjat fejn it-tqarbin huwa mħabbar u kkultivat. Bis-sehem tal-Insara fl-Ewkaristija, Jum il-Mulej isir ukoll Jum il-Knisja meta tkun tista' taqdi sewwa d-dmir tagħha bħala sagrament tal-għaqda – NMI 36

**(iii) L-Ewkaristija tqarribna lejn Alla**

It-talb iwassalna għal dik it-taħdita tagħna ma' Kristu li tagħmilna l-ħbieb tiegħu tal-qalb: "Ibqgħu fija u jien nibqa' fikom" (Ġw 15,4)

john.berry@um.edu.mt

Il-komunitajiet tagħna Nsara jeħtieġ li jsiru *skejjel ġenwini ta' talb*, fejn il-laqgħa tagħna ma' Kristu ma titfissirx biss filli nitolbuh jagħtina l-għajnuna tiegħu iżda wkoll f'radd il-ħajr, tifħir, adorazzjoni, kontemplazzjoni, smiegħ u devozzjoni mħeġġa sakemm il-qalb "tintilef fl-imħabba".

## 3. Komunità li taghti Xhieda

### (i) Xi tfisser "tagħti Xhieda"?

Tfisser li "nwassal 'l għajri l-veru, t-tajjeb u s-sabiħ li persuna tagħraf, tħobb, u tistqarr lil Ġesù.

### (ii) Inħarsu lejn ta' qabilna

Kardinal Cormac Murphy O'Connor (1932–): "Biex nitkellmu mill-fidi, għandna bżonn l-virtù tal-umiltà". Dak kollu li għandna, anzi dak kollu li aħna, ġej mill-mod kif oħrajn qabilna għexu l-fidi tagħhom.

Nitkellmu mill-martri li dejjem kienu ż-żerriegħa tal-ħajja: *Sanguis martryrum semen christianorum*.

Nagħrfu fihom "qaddejja tal-Kelma": il-ħidma tal-Evanġelizazzjoni

Jeħtieġ inkebbsu mill-ġdid fina l-fjamma tal-konvinzjoni ta' Pawlu li stqarr: "Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju" (1 Kor 9, 16).

San Ġorg Preca (1880–1962): "Il-Kliem tagħna għandu jkun: ftit u tajjeb, ftit u ħelu, ftit u sempliċi, ftit u kollu mħabba".

### (iii) Xhieda titlob :

**Responsabbiltà:** Il-bniedem għandu jagħraf li Alla hu viċin, iżda jibqa' misteruż. Santu Wistin igħid: "Si comprehendis, non est Deus". Jekk tifhmu, mela mhux Alla".

**Għaqal:** Bħala insara aħna fil-bżonn li naraw kif qed ngħixu u ngħaddu l-fidi tagħna.

**Silenzju:** jgħinna niltaqgħu m'Alla u magħna nfusna

**Komunjoni:** Nuru li fostna hemm sinjali ta' maħfra, aċċettazzjoni u mħabba.

**Xhieda f'kull żmien:** Il-Knisja kienet minn dejjem fi żmien ta' kriżi u dejjem kienet fi bżonn ta' riformi.

**(iv) Xhieda li Ġesù ma jħalliniex iltiema:**

"Ma nħallikomx iltiema. Nerġa' niġi għandkom" (Ġw 14, 18-21)

Alla ħallielna l-Ispirtu s-Santu u l-Knisja.

**(v) Xhieda li tirrifletti l-aħbar it-tajba:**

L-isfida li llum il-Knisja qegħda tiffaċċja, bħal dejjem, hi kif tikkomunika bl-aħjar mod l-għana u n-novità tal-messaġġ evanġeliku għan-nies ta' żmienna: mħabbet Alla għalina hi bla limitu.

## Konklużjoni

**1. Komunità li tiġġedded hi dik li tagħraf is-sejħa tagħha fil-ħajja ta' kuljum:**

"Salvare il mondo non significa offrirgli la felicità, ma dare un senso alla sua sofferenza e regalargli una gioia che nessuno gli pua sottrarre" – Madeleine Delbrêl (1904–1964).

**2. Komunità li tiġġedded hi dik li f'Ġesù tkun rifiġju għal kulhadd:**

"Li tkun fil-Knisja jfisser li tħossok id-dar, u d-dar, kif jingħad, hu l-post li fih int tista dejjem, f'kull mod, tħossok milqugħ" – Kardinal Cormac Murphy O'Connor (1932–)

**3. Komunità li tiġġedded hi dik li tfittex tagħmel ir-rieda ta' Alla fil-mument preżenti:**

"Alla lili ma sejjaħlix biex nagħmel suċċess, iżda sejjaħli biex naqdi b'fedeltà" – Madre Tereża ta' Kalkutta (1910–1997)